*Intervenjenti insostenn tal-parti l-oħra:* Bayer Agriculture BVBA (rappreżentanti: H. Berger, A. Burghardt, J. Wauters, Rechtsanwälte, u G. Forwood, avocate)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Mellifera eV, Vereinigung für wesensgemäße Bienenhaltung, għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti minn Bayer Agriculture BVBA u mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) ĠU C 54, 11.2.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-3 ta' Settembru 2020 – Vereniging tot Behoud van Natuurmonumenten in Nederland *et* vs Il-Kummissjoni Ewropea *et***

**(Kawża C-817/18 P)** (1)

***(Appell – Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna marbuta mal-akkwist issussidjat jew mat-tqegħid għad-dispożizzjoni bla ħlas ta' żoni naturali – Proċedura ta' eżami preliminari – Deċiżjoni li tiddikkjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Regolament (KE) Nruº659/1999 – Artikolu 1(h) – Kunċett ta' "parti interessata" – Relazzjoni ta' kompetizzjoni – Kunċett ta' "diffikultajiet serji" – Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali – Attivitajiet sekondarji – Konnessjoni)***

(2020/C 378/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Vereniging tot Behoud van Natuurmonumenten in Nederland, Stichting Het Groninger Landschap, Vereniging It Fryske Gea, Stichting Het Drentse Landschap, Stichting Het Overijssels Landschap, Stichting Het Geldersch Landschap, Stichting Flevo-Landschap, Stichting Het Utrechts Landschap, Stichting Landschap Noord-Holland, Stichting Het Zuid-Hollands Landschap, Stichting Het Zeeuwse Landschap, Stichting Het Noordbrabants Landschap, Stichting Het Limburgs Landschap, (rappreżentanti: P. H. L. M. Kuypers u M. de Wit, advocaten)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Noë u P.–J. Loewenthal, aġenti

Vereniging Gelijkberechtiging Grondbezitters, Exploitatiemaatschappij De Berghaaf BV,

Stichting Het Nationale Park De Hoge Veluwe, BV Landgoed Den Alerdinck II, Landgoed Ampsen BV, Pallandt van Keppel Stichting, Landgoed Kasteel Keppel BV, Baron van Lynden, Stichting het Lijndensche Fonds voor Kerk en Zending, Landgoed Welna BV, BV Landgoed "Huis te Maarn", Vicariestichting De Vijf Capellarijen/Ambachtsheerlijkheid Kloetinge, Maatschappij tot Exploitatie van het Landgoed Tongeren onder Epe BV, Landgoed Anderstein NV, Landgoed Bekspring BV, Landgoed Nijenhuis en Westerflier BV, Landgoed Caprera BV, Landgoed Schapenduinen BV, Stichting Schapenduinen, Landgoed de Noetselenberg BV (rappreżentanti: D. Gillet, T. Ruys, P. Wytinck u A. A. Al Khatib, advocaten)

*Intervenjent insostenn tal-appellanti: Ir-Renju tal-Pajjizi l-Baxxi* (rappreżentanti: M. K. Bulterman u M. L. Noort, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Vereniging tot Behoud van Natuurmonumenten in Nederland, Stichting Het Groninger Landschap, Vereniging It Fryske Gea, Stichting Het Drentse Landschap, Stichting Het Overijssels Landschap, Stichting Het Geldersch Landschap, Stichting Flevo-Landschap, Stichting Het Utrechts Landschap, Stichting Landschap Noord-Holland, Stichting Het Zuid-Hollands Landschap, Stichting Het Zeeuwse Landschap, Stichting Het Noordbrabants Landschap u Stichting Het Limburgs Landschap huma kkundannati għall-ispejjeż.

3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(1) ĠU C 82, 04.03.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-3 ta' Settembru 2020 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden – Il-Pajjiżi l-Baxxi) – proċeduri kriminali kontra XN (C-21/19), YO (C-22/19), P. F. Kamstra Recycling BV (C-23/19)**

**(Kawżi Magħquda C-21/19 u C-23/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Skart – Vjeġġi – Regolament (KE) Nru 1013/2006 – Skart suġġett għall-proċedura ta' notifika u ta' kunsens bil-miktub minn qabel – Artikolu 1(3) – Vjeġġi suġġetti għal rekwiżiti ta' approvazzjoni – Direttiva 2008/98/KE – Artikolu 5(1) – Kunċett ta' "prodotti sekondarji" – Regolament (KE) Nru 1069/2009 – Il-punt 1 tal-Artikolu 3 – Kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" – Vjeġġi ta' taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' materjali oħra)***

(2020/C 378/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden

**Partijiet fil-proċeduri kriminali prinċipali**

XN (C-21/19), YO (C-22/19), P. F. Kamstra Recycling BV (C-23/19)

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, u l-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali), għandhom jiġu interpretati fis-sens li materjal li ma jistax jiġi kklassifikat bħala "prodott sekondarju", fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, jista' madankollu jitqies bħala "prodott sekondarju mill-annimali", fis-sens tat-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

2) L-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 135/2012 tas-16 ta' Frar 2012, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 135/2012, ħlief fil-każijiet fejn ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi b'mod espliċitu l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 135/2012.

3) L-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 135/2012, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tapplika għall-vjeġġ ta' taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru1069/2009, u ta' materjali oħra, ikklassifikati bħala skart mhux perikoluż, fis-sens tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 135/2012. Il-proporzjon li l-prodotti sekondarji mill-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward.

(1) ĠU C 139, 15.4.2019.